TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 42/13/GB

**Georgina Cassar**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 10 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija u erbghin Ewro (€340.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal fridge-freezer, liema fridge-freezer kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob li tinghata fridge-freezer ohra gdida minnflok dik li kienet xtrat, ghaliex kienet ittiehdet minghand is-socjeta' ntimata biex thalliha tahdem ghandha u sabiex tippruvaha, wara li l-istess socjeta' ntimata kienet bidlet it-termostat ta' l-imsemmija fridge-freezer ghal darbtejn. It-tekniku kien qal illi mhux suppost illi ttella' daqshekk borra fi zmien daqshekk qasir.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Din il-fridge-freezer hija fridge normali li trid tipproduci s-silg madwar il-kxaxen u l-bibien, altrimenti ma tkunx qed tahdem sewwa. Is-socjeta' ntimata tassikura illi l-fridge-freezer kienet

qed tahdem perfettament. Sakemm kienet il-workshop taghha, il-freezer ghaddiet minn testijiet intensivi u wara li giet iccekjata, is-socjeta' ntimata taccerta li l-freezer qed tahdem f'kundizzjoni perfetta. Il-freezer ilha tahdem fil-workshop tas-socjeta' ntimata mill-gurnata li ngabret minghand ir-rikorrenti minghajr ebda problema. Il-freezer giet mibjugha ghal tliet mija u ghaxar Ewro (€310.00) wara li s-socjeta' ntimata tat skont ta' mija disgha u erbghin Ewro (€149.00) lir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok.CG1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehed Kenneth Francica, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn bil-gurament huwa stqarr illi huwa l-head technician li hadem fuq il-fridge-freezer in kwistjoni. Huwa ccekkja kollox u sab li kienet kompletament normali.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha, b'referenza specifika ghax-xhieda guramentata tat-tekniku li hadem fuq il-fridge-freezer in kwistjoni, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**